MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 162/2007

**Pamela Alamango**

**vs**

**Manuel Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha centezmi (LM3,426.09,0), rapprezentanti hlas ghall-kunsinna ta' merkanzija da parti tad-ditta attrici versu l-konvenut konsistenti f'bevandi u spiriti alkoholici u *disposable food containers*;

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-intavolar tal-prezenti kawza kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 t'Ottubru tas-sena 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut Manuel Portelli jhallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha centezmi (LM3,426.09,0) ekwivalenti ghal sebat elef disa' mija u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€7,980.64), lill-attrici Pamela Alamango;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif dedotti kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------